III

*(Atti preparatorji)*

# KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

## 437 SESSJONI PLENARJA TA'L-11 U 12 TA' LULJU 2007

## Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il- "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri penali bil-għan li jiżguraw li d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jkunu mħarsa"

*COM(2005) 276 finali — 2005/0127 (COD)*

(2007/C 256/02)

Nhar il-21 ta' Settembru 2005, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 95 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"*Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri penali bil-għan li jiżguraw li d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jkunu mħarsa*".

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar l-4 ta' Ġunju 2007. Ir-*rapporteur* kien is-Sur Retureau.

Matul l-437 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fil-11 u t-12 ta' Lulju 2007 (seduta tat-12 ta' Lulju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'76 vot favur u 3 voti kontra.

### 1. **Konklużjonijiet**

1.1 Il-Kumitat ser isegwi b'attenzjoni l-implimentazzjoni koordinata tad-Direttiva ta' l-2004 u l-proposta emendata attwali ta' Direttiva, kif ukoll id-deċiżjonijiet qafas addizzjonali rilevanti sabiex tiġi verifikata, fuq perijodu fit-tul, l-effikaċja tal-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni u kontra r-riperkussjonijiet internazzjonali tagħha, inkluż lil hinn mit-territorju Komunitarju.

1.2 Il-Kumitat, waqt li jagħti appoġġ lid-dispożizzjonijiet ġenerali fl-approċċ ġenerali tagħhom, jistieden lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra l-osservazzjonijiet iffurmulati f'din l-Opinjoni, li tipproponi li l-isforzi ta' ripressjoni u ta' kooperazzjoni fil-qasam kriminali u doganali jiġu prinċipalment ikkonċentrati fuq l-intrapriżi ta' falsifikazzjoni fuq skala wiesgħa u fuq il-falsifikazzjonijiet li jsiru minn organizzazzjonijiet kriminali jew fejn ir-reat jinvolvi riskju għas-saħħa jew għas-sigurtà tal-persuni.

1.3 B'mod partikolari, il-Kumitat jixtieq li d-Direttiva tkun tista' tiġi applikata għad-drittijiet kollha tal-proprjetà industrijali u għalhekk ma tkunx teskludi brevetti ta' invenzjoni, li jikkostitwixxu l-qasam l-aktar importanti għall-industrija Ewropea.

1.4 Il-KESE jenfasizza l-impreċiżjoni ta' ċerti kunċetti legali, bħal dawk tal-"livell kummerċjali" jew ta' "karattru kummerċjali" relatati mar-reati, li jidhru fil-proposta ta' direttiva għall-analisi, u joħolqu konflitt mal-prinċipji fundamentali tal-liġi kriminali li skondthom l-elementi tar-reat iridu jkunu ċari, preċiżi u determinanti. Il-KESE jikkritika wkoll il-mod li bih jitfissru l-pieni koperti fl-Artikolu 2 tal-proposta ta' direttiva, peress li jemmen li għandu jiġi pprovdut qafas ġenerali wieħed biss għas-sanzjonijiet kriminali (ħabs jew pieni u multi finanzjarji), sabiex ir-responsabilità għat-tifsira tal-pieni tibqa' esklussivament f'idejn il-ġurisdizzjonijiet nazzjonali.

### 2. **Introduzzjoni**

2.1 F'MEMO/05/437 tat-23 ta' Novembru 2005 li tagħti sommarju tal-Komunikazzjoni ta' l-istess data, il-Kummissjoni tilqa' s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirrikonoxxi l-kompetenzi tal-Komunità fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' miżuri penali disswasivi u proporzjonati li jiggarantixxu l-applikazzjoni ta' standards relatati mal-politiki komunitarji mħaddnin fit-TKE.

2.2 Fil-komunikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni turi l-interpretazzjoni tagħha tas-sentenza tat-13 ta' Settembru 2005 li permezz tagħha l-Qorti annullat deċiżjoni qafas relatata mal-protezzjoni ta' l-ambjent permezz tad-dritt penali. Skond il-Kummissjoni, il-Qorti kkunsidrat li l-Komunità hija kompetenti sabiex tadotta l-miżuri fir-rigward tad-dritt penali li huma neċessarji sabiex tiġi garantita l-effettività tal-liġi Komunitarja. L-iskop ta' din is-sentenza, skondtha, jmur lil hinn mill-qasam ta' l-ambjent, waqt li tiġi kkunsidrata l-firxa kollha tal-politiki komunitarji kif ukoll il-libertajiet fundamentali rikonoxxuti mit-Trattat. L-integrazzjoni tas-sanzjonijiet penali fil-liġi komunitarja għandha tkun ibbażata fuq il-bżonn ġustifikat kif dovut, u tirrispetta l-koerenza ġenerali tal-kostruzzjoni tal-liġi penali ta' l-Unjoni.

2.3 Din l-intepretazzjoni wiesgħa ta' ġudizzju li jikkonċerna l-ambjent ma ġietx approvata b'mod unanimu mill-Istati Membri u mill-prinċipju legali. Filfatt ħafna jikkunsidraw li l-akkużi kriminali u l-livell tas-sanzjonijiet penali korrespondenti huma essenzjalment soġġetti għas-sussidjarjetà u li l-armonizzazzjoni possibbli tagħhom fil-livell ta' l-Unjoni Ewropea għandha tinkiseb permezz tal-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati, skond it-TUE.

2.4 Għandu jkun innotat li din l-interpretazzjoni titħaddan b'mod wiesa' mill-Parlament Ewropew, peress li l-oqsma li għandhom ikunu koperti minn kompetenza penali komunitarja m'għadhomx soġġetti esklussivament għall-unanimità ta' l-Istati Membri fil-Kunsill, iżda għal maġġoranza kwalifikata f'proċedura ta' ko-deċiżjoni li tinvolvi lill-Parlament Ewropew, li l-kompetenzi tiegħu bħala ko-leġislatur huma għalhekk estiżi ([1]).

2.5 Madankollu, dan jikkostitwixxi twessiegħ sostanzjali tal-kompetenzi Komunitarji, li rriżultaw minn deċiżjoni tal-Qorti, u r-riskji ta' diverġenzi ta' interpretazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet jistgħu, fost affarijiet oħra, idejmu l-adozzjoni tal-leġislazzjonijiet li jinvolvu dispożizzjonijiet penali, jew sussegwentament jirrestrinġu l-iskop tagħhom permezz, per eżempju, ta' aktar każijiet fil-qorti jew ta' kompromessi. Fil-każ ta' din il-proposta ta' Direttiva, il-kwistjoni ta' l-inklużjoni jew le tal-brevetti ta' intervenzjoni fil-qasam tal-protezzjoni penali tibqa' miftuħa, peress li l-Parlament Ewropew jikkunsidra li s-sentenza tal-Qorti tirrigwardja biss id-dritt ta' oriġini komunitarja, waqt li l-intenzjoni tal-Kummissjoni hija li tinkludi d-drittijiet kollha, kemm dawk Komunitarji kif ukoll dawk nazzjonali, dwar il-proprjetà intellettwali.

## 3. **Proposta tal-Kummissjoni**

3.1 Il-proposta emendata ta' Direttiva (COM(2006) 168 finali) għandha l-għan li tistabbilixxi qafas penali orizzontali u armonizzat sabiex tassigura l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u tal-proprjetà litterarja u artistika u drittijiet oħrajn simili mingħajr forma materjali (miġburin taħt it-terminu "drittijiet ta' proprjetà intellettwali"). Din tikkonċerna s-suq intern u ġiet imqanqla mill-bżonn ċar għal azzjoni Ewropea f'dan il-qasam, skond il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Il-bażi legali hija l-Artikolu 95 tat-TKE.

3.2 Din tistabbilixxi qafas penali ġenerali li jiddefinixxi d-"drittijiet tal-proprjetà intellettwali" protetti, ir-reati marbutin ma' dawn id-drittijiet u s-sanzjonijiet penali massimi li jridu jiġu applikati sabiex tiġi armonizzata, fis-suq intern, il-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni ta' l-oġġetti materjali, is-servizzi u l-proprjetà intellettwali u artistika protetti mil-liġi sostantiva Ewropea u mil-liġijiet nazzjonali, kif ukoll mill-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti inkluż il-ftehim TRIPS ([2]) iffirmat fl-1994 fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-proċeduri kriminali ([3]) li għandhom jiġu applikati fil-każijiet ta' ksur ta' drittijiet protetti speċifiċi.

3.3 Direttiva adottata fl-2004 diġà stabbilixxiet qafas ta' protezzjoni kontra l-kopji, il-piraterija u l-falsifikazzjoni ([4]) għal finijiet kummerċjali; lista dettaljata tad-drittijiet protetti taħt l-Artikolu 2 ta' din id-Direttiva ġiet stabbilita permezz ta' Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni ([5]). Dawn id-drittijiet japplikaw għall-proprjetà industrijali (brevetti ta' invenzjoni u ċertifikati supplimentari, ċertifikati ta' utilità, ditti tal-fabbrika, indikazzjoni ta' l-oriġini, disinji u mudelli, u varjetajiet tal-pjanti) u tad-dritt ta' l-awtur u drittijiet relatati, kif ukoll drittijiet *sui generis* stabbiliti mil-liġi komunitarja dwar it-topografiji taċ-ċirkwiti elettroniċi u d-databases. Dawn huma drittijiet esklussivi, ikkunsidrati mil-liġi bħala li jagħmlu parti mid-drittijiet tal-proprjetà mingħajr forma materjali. Parti minn dawn id-drittijiet huma inklużi fl-*acquis communautaire,* kif ukoll koperti minn protezzjoni materjali komunitarja organizzata (disinji u mudelli, ditti tal-fabbrika, varjetajiet tal-pjanti) ([6]). Oħrajn, bħall-brevetti, jibqgħu esklussivament soġġetti għal-liġi nazzjonali, fl-istennija ta' brevett komunitarju mitlub mis-setturi industrijali kollha. Għalhekk, it-terminu "proprjetà intellettwali" proprjament ikopri qasam eteroġenu ħafna ta' drittijiet mingħajr forma materjali, b'karatteristiċi u statuti legali li huma differenti ħafna.

3.4 L-Istati Membri huma soġġetti għat-termini tal-Ftehim TRIPS, li jitlob l-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni nazzjonali adegwata fir-rigward ta' proċeduri u ta' sanzjonijiet penali tal-falsifikazzjoni għall-finijiet kummerċjali. Madankollu, l-Istati Membri jgawdu minn ċerta libertà ta' interpretazzjoni, u barra minn hekk ċerti Stati għadhom ma adottawx miżuri penali proporzjonati għall-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li jseħħu fuq it-territorju tagħhom, inkluż fost il-membri ta' l-UE. Id-Direttiva ta' l-2004 tippermetti għall-vittmi li jsofru minn ksur tad-drittijiet tagħhom li jiksbu kumpens, billi jġiegħlu lill-Istati Membri jinvestigaw, jibdew proċeduri, jikkonfiskaw ([7]) u jagħtu

([1]) L-*opt in* tar-Renju Unit u ta' l-Irlanda u l-eżenzjoni mid-Danimarka mhux ser jibqgħu jiġu opposti għal-leġislazzjoni, bħalma huwa l-każ għall-inizjattivi rilevanti taħt it-tielet pilastru.

([2]) Ftehim dwar l-aspetti tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali marbutin mal-kummerċ.

([3]) Artikolu 61 TRIPS.

([4]) Direttiva 2004/48/KE dwar ir-rispett tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

([5]) Dikjarazzjoni 2005/295/KE tal-Kummissjoni dwar l-intepretazzjoni ta' l-Artikolu 2 tad-Direttiva hawn fuq imsemmija.

([6]) Bl-eċċezzjoni konsiderevoli tal-brevett komunitarju, li għadu fi stat inċert (NdA).

([7]) Deċiżjoni qafas tal-Kunsill 2005/212/JHA dwar il-konfiska ta' prodotti, strumenti u oġġetti b'rabta mar-reati (falsifikazzjoni, piraterija) (ĠU L 68 tal-15.3.2005).

kumpens, bil-għan li jkun hemm armonizzazzjoni tad-dritt applikabbli u tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata ([8]), kuntest fejn il-falsifikazzjoni hija abbundanti. Madankollu, din id-Direttiva tkopri biss il-proċedura u s-sanzjonijiet ċivili, kummerċjali u amministrattivi, li l-għan prinċipali tagħhom huwa li jiksbu kumpensi għall-ħsarat ikkawżati lis-sidien tad-drittijiet protetti li bdew proċeduri kontra l-falsifikazzjoni. Barra minn hekk, xi Stati Membri għadhom ma trasponewx din id-Direttiva!

3.5 Il-protezzjoni tad-drittjiet tal-"proprjetà intellettwali" hija minquxa fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-UE, dikjarazzjoni solenni adottata f'Nizza f'Diċembru 2000. Protezzjoni internazzjonali hija wkoll provduta u assigurata permezz tal-konvenzjonijiet konklużi fil-qafas ta' l-organizzazzjonijiet speċjalizzati tan-Nazzjonijiet Uniti (WIPO, UNESCO) jew fil-livell reġjonali (Konvenzjoni ta' Munich, 1973, li stabbilixxiet l-Uffiċċju Ewropew tal-Brevett u l-brevett Ewropew). S'issa huwa biss il-Ftehim TRIPS li jinkludi dispożizzjonijiet penali minimi. Il-proposta tal-Kummissjoni tipprova tikseb ċertu livell ta' armonizzazzjoni Komunitarja, billi tobbliga lill-Istati Membri sabiex jintroduċu sanzjonijiet penali fil-liġijiet interni tagħhom, b'definizzjonijiet ta' reati u standard komuni għall-penali.

3.6 Il-proposta emendata għal Direttiva għalhekk għandha l-għan li tqarreb il-livell tal-pieni għall-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fir-rigward tas-sentenzi ta' priġunerija, il-multi u l-konfiski. Tipprova tistabbilixxi regoli ta' kompetenza ġudizzjarja sabiex tiċċentralizza, jekk possibbli, il-proċeduri legali fi Stat Membru wieħed meta r-reat ikun jikkonċerna diversi Stati Membri, u sabiex tiffaċilita l-investigazzjonijiet. Huwa wkoll propost li l-vittmi jew ir-rappreżentanti tagħhom jiġu involuti f'dawn l-investigazzjonijiet.

3.7 Ir-reviżjoni prinċipali, fir-rigward tal-proposti preċedenti, tikkonsisti fl-istabbiliment tal-livell u tan-natura tas-sanzjonijiet penali applikabbli għall-persuni ħatja ta' kwalunkwe ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, imfissra wkoll fil-proposta.

3.8 Il-persuni fiżiċi responsabbli mir-reati msemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva jiġu kkastigati b'sentenza ta' massimu ta' mill-inqas erba' snin priġunerija meta jkunu qegħdin jaġixxu taħt il-protezzjoni ta' organizzazzjoni kriminali jew meta r-reati jkunu ta' riskju għas-saħħa jew għas-sigurtà tal-persuni (Artikolu 2, paragrafu 1).

3.9 Il-persuni fiżiċi u legali responsabbli mir-reati msemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva jkunu kkastigati b'sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u disswasivi, li jinkludu multi kriminali jew mhux kriminali ta' massimu ta' mill-inqas EUR 100 000 (EUR 300 000 għall-każijiet serji msemmija fl-Artikolu 2, paragrafu 1., mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' sentenzi aktar serji fil-każ ta' riskju ta' mewt jew diżabilità).

3.10 Il-liġi nazzjonali għandha tipprovdi għall-konfiska tal-prodotti foloz, ta' proprjetà u ta' strumenti relatati mar-reat, mill-inqas fil-każijiet serji (kriminalità organizzata, riskju ta' saħħa jew ta' sigurtà fuq il-persuni) (Art. 3).

([8]) Abbozz ta' deċiżjoni qafas tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Il-falsifikazzjoni tista' tikkontribwixxi wkoll fl-iffinanzjar ta' netwerks terroristi; il-ħasil ta' flus u l-falsifikazzjoni huma wkoll atti kriminali li għandhom jiġi miġġielda b'mod vigoruż.

3.11 Il-proposta emendata tippermetti lill-Istati Membri sabiex japplikaw dispożizzjonijiet aktar stretti.

3.12 Wara l-irtirar ta' l-abbozz tad-deċiżjoni qafas tal-Kunsill li takkumpanja l-abbozz inizjali, il-Kummissjoni beħsiebha tapplika approċċ orrizontali fil-qafas tal-proċeduri penali adottati nhar it-23.12.2005, li għandhom l-għan li jagħtu sostenn lill-assistenza ġudizzjarja u jqarrbu l-livelli ta' multi f'pajjiżi differenti sabiex ikun jista' jiġi involut l-Eurojust ([9]).

3.13 L-Istati Membri huma responsabbli li jibdew l-investigazzjonijiet u l-proċeduri, li m'għandhomx jiddependu biss fuq l-ilment tal-vittmi.

## 4. **Osservazzjonijiet ġenerali tal-Kumitat**

4.1 Il-Kumitat jinnota l-użu dejjem aktar ġeneralizzat tal-kunċett ambigwu, dak tal-"proprjetà intellettwali", li jgħaqqad kunċetti legali distinti u metodi diversi ta' protezzjoni u ta' użu. Madankollu, dan it-terminu nxtered fil-liġi Ewropea u internazzjonali. In-natura, it-tul u l-iskop ta' kull wieħed mid-drittijiet mingħajr forma materjali kkonċernati jvarjaw b'mod konsiderevoli. Kull wieħed għandu l-qafas legali speċifiku tiegħu, validità territorjali differenti u istituzzjonijiet speċifiċi għar-reġistrazzjoni jew għall-protezzjoni, u barra minn hekk, l-interpretazzjoni tal-ksur ta' dawn id-drittijiet tista' tvarja minn pajjiż għall-ieħor u qiegħda tinbidel b'mod rapidu f'xi każijiet.

4.2 L-analiżi tal-komponenti tal-mediċini (mingħajr l-użu jew il-pubblikazzjoni tar-riżultat), jew l-inġinerija inversa tas-software jew tal-komponenti elettroniċi għall-iskop ta' interoperabilità jew l-eżerċizzju ta' dritt leġittimu bħad-dritt għar-riproduzzjoni privata permezz ta' tidwir bil-kliem ta' dispożizzjoni (ġeneralment dgħajfa ħafna) ta' protezzjoni jistgħu jikkostitwixxu falsifikazzjoni jew riproduzzjoni illiċita f'diversi Stati Membri, fejn il-multi jistgħu wkoll ikunu għolja, anke fin-nuqqas ta' skop kummerċjali jew kriminali.

4.2.1 Il-Kumitat diġà stqarr favur ġlieda koordinata fil-livell komunitarju kontra d-diversi forom ta' falsifikazzjoni kummerċjali li tolqot lill-ekonomija Ewropea, u favur it-trażżin ta' diversi reati kontra d-drittijiet tal-proprjetà industrijali u d-drittijiet ta' l-awtur ([10]) li joħolqu ħsara serja lill-ekonomija Ewropea. Il-falsifikazzjoni fuq skala wiesa' sikwit titwettaq minn organizzazzjonijiet kriminali jew minn gruppi organizzati u tista' tkun ta' perikolu għas-saħħa, għas-sigurtà u għall-ħajja tal-persuni: dawn l-aħħar każijiet iridu jitqiesu bħala ċirkustanzi aggravanti meta jiġu determinati s-sanzjonijiet penali. L-abbozz ta' Direttiva għandu jżomm il-prinċipju ta' żjieda fil-multi fiċ-ċirkustanzi kollha li jitqiesu bħala aggravanti.

([9]) COM(2005) 696 finali.
([10]) Ara l-opinjoni ta' Malosse (ĠU Ċ 221, 7.8.2001).

4.2.2 Bħal fil-każ tad-Direttiva ta' l-2004, il-Kumitat japprova l-fatt li l-armonizzazzjoni proposta tikkonċerna biss il-ksur imwettaq fuq skala kummerċjali, u għalhekk, ta' natura li sostenzjalment jista' jolqot is-suq uniku. Ikun ukoll utli li t-terminu "kummerċjali" jiġi definit b'mod aktar ċar, per eżempju billi jiġi preċiżat li l-prodotti jew is-servizzi falsifikati huma destinati għal bejgħ bi kwantitajiet kbar biżżejjed li joħolqu telf finanzjarju sinjifikanti jew li huma perikolużi irrispettivament mill-kwantitajiet mibjugħa, u li, fi kwalunkwe każ, il-persuni li jwettqu dawn ir-reati jaġixxu bi skop li jiksbu vantaġġ finanzjarju illegali. L-applikazzjoni tas-sanzjonijiet penali tissopponi theddida ċara għall-ordni pubblika, u din it-theddida tista' tvarja fl-intensità u fil-gravità: ir-reat u l-multa jridu jkunu proporzjonati għat-theddida, iżda wieħed jista' jiddubita mill-fatt jekk id-distinzjonijiet bejn "ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fuq skala kummerċjali" u "ksur gravi" humiex ċari u jekk is-severità tal-multi tikkorrespondix għall-prinċipju tal-proporzjonalità inerenti għal-liġi penali. Barra minn hekk, l-iskambji privati ta' fajls fuq l-internet jew ir-riproduzzjoni (jew ir-*remix* tal-mużika), jew ir-rappreżentazzjoni ta' xogħlijiet, materjali jew intellettwali fil-qafas familjali jew privat jew għall-finijiet ta' studju jew ta' sperimenti huma esklużi b'mod impliċitu mill-qasam ta' applikazzjoni tal-leġislazzjoni proposta. Ikun xieraq li din l-esklużjoni tkun ċara.

4.2.3 Il-Kumitat irid ifakkar li d-drittijiet ta' forma mhux materjali milqutin mill-falsifikazzjoni m'humiex drittijiet assoluti. Kull dritt ikkonċernat għandu l-ispeċifiċitajiet proprji tiegħu, u bi prinċipju, jikkonċedi esklussività u monopolju temporanju fl-użu kummerċjali, li jvarja fit-tul u fil-validità ġeografika. Fi kliem ieħor, jikkostitwixxi miżura protezzjonista limitata fiż-żmien (bi skambju tal-pubblikazzjoni ta' l-invenzjonijiet fil-każ tal-brevetti, u xogħlijiet intellettwali fil-każ tad-dritt ta' l-awtur). Iżda t-titulari tal-liċenzji u l-utenti awtorizzati jew *bona fide* ta' prodotti u servizzi jew xogħlijiet intellettwali wkoll għandhom id-drittijiet, xi kultant estensivi ħafna fil-qafas ta' ċerti liċenzji ([11]). Diversi sistemi interni ta' liġi jinkludu inkonsistenzi u jqiegħdu d-drittijiet tal-produtturi, tad-distributuri u ta' l-industriji qabel id-drittijiet tal-konsumaturi. L-intenzjoni li jiġu introdotti fil-liġi nazzjonali sanzjonijiet penali iebsin f'numru ta' pajjiżi tidher li qiegħda tkompli iżżid ma' dan il-preġudizzju. Dan iwassal għal paradoss fejn il-multa massima għal ksur fuq skala kummerċjali stabbilita fil-proposta ta' direttiva tista' tkun ugwali jew inqas mill-multa massima għal ksur wieħed!

4.2.4 Il-Kumitat jixtieq li l-Kummissjoni tagħti bidu, per eżempju billi twettaq studju komparattiv fil-profond tal-liġi nazzjonali wara t-traspożizzjoni, analiżi bir-reqqa tal-liġi penali nazzjonali fid-dawl tal-liġi penali komunitarja, sabiex tassigura armonizzazzjoni ġenwina fl-UE kollha. Dan huwa partikolarment importanti fil-qasam tad-dritt ta' l-awtur u d-drittijiet relatati, fejn it-tfassil dejjem aktar strett ta' leġislazzjoni xi kultant jirriżulta f'livelli ta' sanzjonijiet jew ta' multi li mhumiex proporzjonati u li m'għandhom l-ebda skop ġenwin peress li l-mudelli kummerċjali għad-distribuzzjoni tax-xogħlijiet għadhom ma ġewx totalment żviluppati, bl-eliminazzjoni programmata ta' kopji mhux awtorizzati ta' DRM (sistemi ta' protezzjoni kontra l-kopji) fuq perijodu fil-qasir, u peress, li f'ċerti każi, it-taxxa fuq l-għodda ta' sostenn tikkumpensa b'mod wiesa' lit-titulari tad-drittijiet kontra riproduzzjoni mhux awtorizzata.

([11]) "Creative Commons Licence", "General Public Licence", "BSD", liċenzja ħielsa awdjo-viżwali tal-BBC, eċċ.

4.3 *Osservazzjonijiet partikolari*

4.3.1 Il-Kumitat jixtieq li tingħata definizzjoni aktar ċara tan-natura tar-reat ta' ħtija morali għall-offiżi ta' falsifikar u ta' imitazzjoni ta' prodotti jew ta' servizzi li jaqgħu taħt il-proprjetà intellettwali. Offiża penali għandha tinkludi element intenzjonali min-naħa ta' dak li jwettaq ir-reat, jew tal-kompliċi tiegħu: il-Ftehim TRIPS jirreferi għal "att volontarju ta' falsifikazzjoni", u d-direttiva titkellem dwar att intenzjonat, li jkun sar apposta. L-offiża tinkludi wkoll element materjali, fi kliem ieħor it-twettiq ta' l-offiża, jew mill-inqas it-tentattiv li ssir l-offiża. Dawn iż-żewġ elementi huma kumulattivi; l-intenzjoni biss ma tikkostitwixxix offiża (sakemm ma nwaqqfux pulizija tal-ħsieb). Iżda, l-inċitament għat-twettiq ta' reat jista' jiġi stabbilit biss jekk "ix-xewwiex" iforni l-għodod (ġeneralment illegali) għall-iskop speċifiku li jitwettaq ir-reat. Barra minn hekk, il-Kumitat jemmen li l-provvediment biss ta' materjali jew ta' software li jintużaw b'mod wiesa', jew ta' l-aċċess għall-Internet, ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala kompliċità jew reat "ta' inċitament" (li ġeneralment jeżisti biss f'numru limitat ta' sitwazzjonijiet penali, u li huwa diffiċli li jiġi ppruvat) jekk dawn il-mezzi jintużaw mill-falsifikaturi. Il-kunċett ta' kompliċità għandu jkun suffiċjenti fil-liġi komunitarja, peress li l-kwistjoni ta' ko-awturi hija regolata fid-dettall mil-liġijiet nazzjonali. Inkella, dan jista' jwassal għal kundanni fin-nuqqas ta' elementi intenzjonali, li jistgħu joħolqu inċertezzi legali kbar għal numru ta' fornituri ta' tagħmir jew ta' servizzi.

4.3.2 Ir-riproduzzjoni illegali ta' xogħlijiet, mudelli, proċeduri jew invenzjonijiet protetti minn monopolju temporanju tikkostitwixxi l-offiża ta' falsifikazzjoni. Huwa importanti li wieħed jibqa' mad-definizzjoni, mingħajr ma din tiġi estiża sabiex tinkludi l-piraterija (li ġeneralment tinvolvi l-aċċess frodulenti fis-sistemi ta' l-informatika sabiex jinkiseb il-kontroll tagħhom u tinsteraq id-data jew tintuża l-bandwidth, ġeneralment għal finijiet illegali). Il-piraterija hija differenti mill-falsifikazzjoni fis-sens strett, u definizzjonijiet stretti għandhom jibqgħu jiġu applikati għar-reati penali. Id-dħul mhux awtorizzat f'sistemi informatiċi, is-serq ta' data jew ta' bandwith, u attakki fuq il-privatezza għandhom mingħajr dubju jkunu soġġetti għal proċeduri penali approprijati, iżda dawn ma jikkostitwixxux direttament il-falsifikazzjoni. Il-ġlieda kontra l-piraterija ta' l-informatika għandha ssir b'mod speċifiku, anke jekk il-kunċetti jintużaw b'mod impreċiż f'numru ta' dikjarazzjonijiet politiki, li għandhom tendenza li jużaw kelma flok oħra u joħolqu livell ta' konfużjoni. Il-piraterija ta' l-informatika tintuża minn organizzazzjonijiet ta' terroristi u għandha tkun iċ-ċentru ta' attenzjoni speċjali u kooperazzjoni internazzjonali adattata.

4.3.3 It-terminu "organizzazzjoni kriminali" jew ta' kriminalità organizzata użata fil-memorandum ta' spjegazzjoni għandu jkun ikkompletat bit-terminu ta' "grupp organizzat", peress li t-terminu diġà jeżisti bħala ċirkostanza aggravanti f'ċerti leġislazzjonijiet penali. Falsifikazzjoni kummerċjali li sseħħ minn grupp organizzat jew fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali għandha tikkostitwixxi ċirkostanza aggravanti, li tiġġustifika multi jew pieni ħorox.

4.3.4 Il-Kummissjoni tindika li l-Istati Membri huma ħielsa li jadottaw multi aktar ħorox jew li jippenalizzaw atti oħra. Dan jista' jiġi interpretat bħala tħeġġiġ sabiex jiġu imposti penali fuq atti mhux kummerċjali jew ukoll sabiex tiġi estiża d-definizzjoni tal-falsifikazzjoni kriminali għal atti li b'mod strett ma jikostitwixxux ir-riproduzzjoni jew l-ikkopjar ta' prodott, proċedura jew xogħol intellettwali.

4.3.5 Il-Kumitat għandu riservi fuq il-fatt li l-liġi komunitarja u ċerti sistemi oħrajn ta' liġi nazzjonali qegħdin jassimilaw software ta' l-ikkopjar li jistgħu iqarrqu jew iħassru s-sistemi DRM ([12]) (sistemi, tagħmir jew software kontra r-riproduzzjoni, sikwit ineffettivi u mhux *encrypted*), bil-falsifikazzjoni ta' sistemi DRM, filwaqt li dak li qiegħed jiġi definit bħala "falsifikazzjoni" ma jikkostitwixxix ikkopjar jew riproduzzjoni tas-sistema oriġinali. Barra minn hekk, is-sistemi DRM m'humiex standard. Dawn jiddependu minn pjattaforma jew minn fornitur, u l-format tal-fajls jistgħu jkollhom brevett, u dan jikkostitwixxi xkiel għall-interoperabilità jew ikun maħsub li joħloq suq 'ilsir' billi tiġi eliminata l-kompetizzjoni. Il-ħolqien u l-użu ta' metodi ta' kkopjar sabiex il-konsumatur jew l-intrapriżi titulari ta' liċenzja ta' software ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom (ikkopjar għal użu personali, bħala backup u għal użu fuq diversi tagħmir standard) m'għandux ikun ippenalizzat fih innifsu, iżda biss jekk ikun hemm l-element intenzjonali jew dak materjali ta' reat fuq skala kummerċjali.

4.3.6 Il-Kumitat jappoġġja l-prinċipju li l-azzjoni penali pubblika tkun indipendenti minn kwalunkwe azzjoni ċivili jew akkużi kriminali li jinbdew mill-vitma. Fil-fatt, f'kuntest dominat minn organizzazzjonijiet kriminali tal-mafja, il-vittmi jistgħu jsibuha bi tqila li jibdew proċeduri sabiex jipproteġu d-drittijiet tagħhom. Barra minn hekk, il-falsifikazzjoni kummerċjali, b'mod partikolari meta mwettqa minn grupp kriminali organizzat jew minn organizzazzjonijiet kriminali, saħansitra terroristi, tolqot l-ekonomija u l-benesseri soċjali. Il-ġlieda kontriha għandha tkun ir-responsabilità ta' l-Istat.

4.3.7 Il-Kumitat jittama li kooperazzjoni effettiva bejn l-Istati Membri tkun tista' twassal għal ġlieda effettiva kontra n-networks internazzjonali tal-falsifikazzjoni, b'mod partikolari dawk marbutin ma' l-organizzazzjonijiet kriminali u ma' l-attivitajiet ta' ħasil ta' flus. F'dan il-kuntest, wieħed ifakkar li numru minn dawn in-netwerks joperaw minn pajjiżi terzi u li huwa indispensabbli li l-azzjoni tkun estiża lil hinn mill-fruntieri ta' l-Unjoni permezz tal-mezzi offruti mil-liġi internazzjonali.

4.3.8 Fil-livell komunitarju, il-Kumitat jemmen li timijiet komuni ta' investigazzjoni mill-pulizija għandhom jaħdmu flimkien mat-timijiet doganali kif ukoll mal-vittmi tal-falsifikazzjoni jew l-esperti maħtura minnhom. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-vittmi għandhom jiġu involuti fil-proċeduri ta' investigazzjoni, iżda jirrakkomanda li r-rwol tagħhom għandu jkun illimitat għall-provvediment ta' informazzjoni lill-awtoritajiet pubbliċi. Ikun inapproprijat li wara akkuża ta' falsifikazzjoni kummerċjali, intrapriża tkun involuta fil-kontrolli ta' l-attivitajiet jew il-konfiska ta' proprjetà ta' kompetitur, li jitqies bħala innoċenti sakemm ma jiġix ippruvat mod ieħor mill-Qorti. Għall-Kumitat huwa importanti li jiġu evitati tendenzi lejn ġustizzja privata jew indħil abbusiv fil-proċeduri penali min-naħa ta' persuni li m'għandhom l-ebda awtorità pubblika.

4.3.9 Fl-aħħar, il-Kumitat huwa mħasseb bit-tendenza dejjem tikber li n-netwerks ta' l-Internet jittieħdu għall-skopijiet kummerċjali u bit-talbiet ta' estensjoni f'dan is-settur ta' attivitajiet tas-sanzjonijiet penali previsti fil-Ftehim TRIPS, kif jidher biċ-ċar fir-rapport 2006 tad-Dipartiment tal-Kummerċ ta' l-Istati Uniti dwar il-Kapitoli 301 u Super 301 ([13]), fl-applikazzjoni tat-Trattati WIPO dwar il-proprjetà intellettwali fuq l-Internet, li huwa għodda b'xejn fil-qasam pubbliku u oġġett komuni universali.

Brussell, 12 ta' Lulju 2007.

Il-President

tal- Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

([12]) Digital Rights Management (ġestjoni tad-drittijiet diġitali, ewfemiżmu għal "protezzjoni kontra l-kopji").

([13]) 2006 SPECIAL 301 REPORT USA.